MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 596/2013

**Mobisle Communications Limited C24655**

**vs.**

**Eusebio Busuttil K.I. 352167(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu s-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta’ sitt mija u erbgħa u ħamsin Ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€654.64), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C40172527* mogħtija mis-soċjeta′ attriċi lill-konvenut;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' sitt mija u erbgħa u ħamsin Ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€654.64), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi ppreżentata fis-6 ta' Settembru 2012 u nnumerata 1941/12, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------